Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8723 — Aviva Investors/ERAFP/Iċ-ċentru kummerċjali Place des Halles)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 416/06)

1. Fit-28 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Aviva Investors Luxembourg SA ("Aviva Investors", il-Lussemburgu),

— Établissement de retraite additionnelle de la fonction publique ("ERAFP", Franza),

— Iċ-ċentru kummerċjali Place des Halles ("Post des Halles", Franza).

Aviva Investors u ERAFP jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt taċ-ċentru kummerċjali Place des Halles.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Aviva Investors: kumpanija li tiġġestixxi l-assi fin-negozju ta' Aviva Investors tal-ġestjoni tal-assi, li tifforma parti mill-grupp Aviva, attiva fil-forniment ta' firxa wiesgħa ta' prodotti tal-assikurazzjoni, ta' tfaddil u ta' investiment f'16-il pajjiż.

— għal ERAFP: entità amministrattiva Franċiża tas-settur pubbliku b'superviżjoni mill-istat iddedikata għall-ġestjoni tal-iskema tal-uffiċjali pubbliċi.

— għal Place des Halles: ċentru kummerċjali b'erja li tista' tinkera ta' 39 269 m^2, li jinsab fi Place des Halles, Strasburgu (Franza).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8723 — Aviva Investors/ERAFP/Iċ-ċentru kummerċjali Place des Halles.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.